# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 20**

**5.00p.m 17 ta' Lulju 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**20.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Sindku informa li Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi u il- Kunsillier Sur Joseph Scerri kienu bagħatu jinfurmaw permezz ta emajl li ma setawx jattendu.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru dsatax (19) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel

**20.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Joseph Cachia, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**20.3.1 Reserved Parking – Intercomp**

Is-Sindku ta' spjega li il-kumpanija Intercomp talbet il-Kunsill sabiex ikolla tliet parking spaces li wieħed minnhom ikun Loading/Unloading bay. **Il-Kunsill talab sabiex issir mistoqsija lil Transport Malta ta kemm hemm loading/unloading bays fl-area**, **u ma approvax li ikun hemm reserved parkings għall- kumpanija.**

**20.3.2 Konferma u approvazzjoni mid-Diviżjoni Gvern Lokali għas-Service Room**
Is-Sindku ta' spjega li b'referenza għall- applikazzjoni li il-Kunsill għamel mal-Lands Authority sabiex ikun jista issir użu mis-service room li hemm ġewwa it-Triq is-Salib tal-Marsa, id-Direttur ta' Diviżjoni tal-Gvern Lokali s-Sur Emil Vassallo ikkonferma li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tippermetti li jidħol għal din ir-responsabilta'.

Dan wara li l-Awtorita GHRC talbet li ikun hemm approvazzjoni finanzrarja li il-Kunsil Lokali jinsab f'qadgha tajba ta' finanzi, għaldaqstant **il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba, u ghalhekk il-Kunsill qed jitlob li tintbgħat email b'mistoqsija sabiex tinaghta raguni għaliex qed tintalab din id-dikjarazzjoni u li spejjez tal-kamra sabiex titranga il-kamra ikunu parti mill-ispejjeż tal-proġett u li issir ġibja ta l-ilma sabiex l-ilma tax-xita immur f'din il-ġibja biex jintuża ghat-tisqija tas-siġar tal-madwar. Jintalbu riċerki min l-avukat tal-Kunsill sabiex jistabilixxi jekk hemmx każijiet fuq din il-kamra fi Triq is-Salib.**

**20.3.3 Reklamar Ktieb tal-Festa Banda Maria Reġina**
Is-Sindku informa lil membri tal-Kunsill li il- Banda Marija Reġina saqsiet il-Kunsill Lokali jekk ghandux l-interess li jirreklama fil-ktieb tal-festa 2025 li prezz tiegħu hu ta' €300 ewro bħas-snin preċedenti.
**Il-Kunsill qabel li jirriklama fil-ktieb tal-Festa 2025 tal-Banda Marija Reġina.**

**20.3.4 Talba għall għajnuna mill-Kunsill Lokali.**
Is-Sindku spjega li kien ircieva email min persuna b'disabilta' u tagħlbet għal għajnuna sabiex tixtri vettura b'modifi speċjali li t'ammonta għall madwar €100,000. Din it-talba qalet li kien hemm diversi NGO's u Kunsilli Lokali oħra li offrew l-għajnuna tagħhom. **Għaldaqstant il-Kunsill ma qabilx li tingħata l-għajnuna għall din it-talba u sostniet li hemm entitajiet għall persuni b'disabiltta fejn fejn wieħed jista jitlob din it-tip ta' għajnuna lilhom għax il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jgħin f'din it-talba.**

**20.3.5 Talba għal sponsorship għall Attivita tal-Festa mill- Kummissjoni Attivitajiet fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni Maria Reġina.**
Is-Sindku spjega li il-Kummissjoni Attivitajiet fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni Maria Reġina qed titlob jekk il-Kunsill Lokali għandux l-interess li jirreklama fuq poster bil-prezz ta €500 għall ikla kbira tal-Festa li qed jorganizzaw nhar il-Ġimgha 22 ta' Awwissu 2025. **Għaldaqstant il-Kunsill sostna li reklamar issir fuq il-ktieb tal-Festa u mhux għall-ikliet tal-Festa għalhekk l-interess tal-Kunsill hu li jireklama fuq il-Ktieb tal-Festa sa massimu ta' €300. Fi rigwrad ta' donazzjoni ta' €500 il-Kunsill qal li ikollu interess li jagħti dik it-tip ta donazzjoni meta ikun hemm Anniversarju ta' l-Għaqda.**

**20.3.6 Electric Vehicles charging point installation points - OPSA.**
Is-Sindku spjega li kien irċieva email mingħand l-OPSA tistaqsi lil Kunsill li peress li qed issiru xi xogħolijiet fejn l-uffiċini tagħhom ġgewwa telgħet Spencer, jistawx issiru ducts biex jiġu installati cables għall charging points, fej l-izpejjez relatati għall dan ix-xogħol jitħallas mill-istess kumpanija biex jevitaw li jitmiss it-tarmak aktar il-quddiem. **Għaldaqstant il-Kunsill talab sabiex issir klarifikazzjoni jekk jistawx jintużaw mill-pubbliku wara il-ħinijiet ta' l-uffiċju.**

**20.3.7 Annual Camp 2025 – Marsa Scout Group.**
Is-Sindku spjega li il-Marsa Scout Group se tkun qed torganizza lejla ta' Divertiment waqt l-Annual Camp u qed jistaqsi il-Kunsill jekk għandux interess li jireklama għall ammont ta' €200.
Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jireklama bi prezz ta' €200 issekondat mill-Kunsillier Dominic Spencer.

**20.3.8 Summer Barbeque – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Is-Sindku spjega li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed torganiżża Summer Barbeque nhar 8 ta' Awwissu 2025 ġewwa Villa Blanche fejn il-Membri tal-Kunsill flimkien mal-ħaddiema huma mistiedna u mitluba jireġistraw fuq il-*link* li ntbagħtet email.

**20.3.9 Scissor Lift – Tiswija Paroċċa Maria Reġina**
Is-sindku spjega li il-Kunsill irċieva talba ta' għajnuna mill-Paroċċa Maria Reġina sabiex jinkera Scissor Lift sabiex jisewwa is-saqaf ta l-istess Paroċċa mill-ħsarat li hemm. **Għaldaqstant il-Kunsill talab sabiex jinġabru l-istimi u jittieħed vot fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmis.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**20.3.10 Proposti ġodda mill-Kunsill dwar tismija ta' toroq fil-Marsa.**

Is-Sindku spjega li kien irċieva notifika mis-street Naming Committee li qabel ma ikun jista jisemma Misraħ i-Santissima Trinita' hemm bżonn li Triq is-Santissima Trinita' li tinsab f'post ieħor fil-Marsa jinbidel l-isem ukoll għax ikun hemm il-problemi u li il-proposti l-oħra ta' Triq Nerik Sacco u Triq Marija Reġina ma ġewx aċċetati u jissuġerixxu li Triq Nerik Sacco tibqa' fl-istess post u Triq Marija Reġina tisemma f'dik il parti ta' Triq il-Bajjada li tinfetaħ fi tnejn.

**Għaldaqstant il-Kunsillier Dominic Spencer sostna li għandu issir kommunikat ma l-għaqda Storika tal-Marsa sabiex jagħti parir u tinġabar l-istorja għaliex it-talba tal-Kunsill sabiex jisemew dawn it-toroq u sens li dawn jisemew kif qed jipproponi il-Kunsill u tinbagħt ittra b'Avukat lil Kumitat ta' *Street Naming***

**20.3.11 Talba Parkeġġ Privat – VJ Salamone.**

Is-Sindku spjega li kien irċieva talba sabiex issir parkeġġ privat quddiem il-binja ta' VJ Salamone biex jintuża mill-ħaddiema ta' l-istess kumpanija.

**Għaldaqstant il-Kunsill ma qabilx li issiru parkeġġi privati quddiem il-kumpanija VJ Salamone, ghaldaqstant il-Kunsill irringrazzja lil Kumpanija li dejjem offrew il-kontribut tagħhom lil Kunsill meta kien meħtieġ.**

**20.3.12 Community Police.**

Is-Sindku spjega li kien rċieva notifika mis-Supretendent tal-Community Police Josric għadux interessat, u qal li il-Kunsill kien qabel li jinagħtaw post isfel fil-bija tal-Kunsill Lokali u meta ikun hemm is-sessjonijiet ta l-Active Ageing l-uffiċjali tal-Community Police jużaw il-parti ta' fuq tal-binja tal-Kunsill.

**20.3.13 Yellow Pages**

Is-sindku spjega li il-kumpanija Yellow Pages infurmatu li lesti li joffru 18 il-parkeġġ riservat lil Kumpanija li fil-weekends jagħtu aċċess lil pubbliku sabiex jagħmel użu minnha. **Għaldaqstant il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għal din l-aħbar**, il-Kunsillier Dominic Spencer irrimarka li ghandom jitwaħlu tabelli li jindikaw li dawn is-spazji ta' Parkeġġ għandom jintużaw biss mill-pubbliku ġenerali fil- weekends u li dawk il-vetturi li jibqaw ipparkjati wara il-weekend ikunu irmunkati.

**20.3.14 Kuntratt Pageant Group**

Is-sindku spjega li kien ghadda koppja tal-Kuntratt iffinalizzat lil membri tal-Kunsill kif kien miftijhem fil-laqgha tal-Kunsill preċedenti. **Ghaldaqstant il-Kunsill ma sabx ebda oġġezzjoni biex jiproċedi bl-iffirmar tal-Kuntratt.**

**20.3.15 Stimi ghad-dawl ġewwa il-Pjazza fi ġnien San Vinċenz.**

Is-Sindku spjega li minħabba li ġewwa ġnien San Vinċenż qed ikun hemm diversi abużżi tagħlab stimi mingħand l-electrician li jaħdem biħ il-Kunsill, sabiex jiżdied id-dawl f'dan il- ġnien u spġjega li l-ammont ta l-istima tegħla għall €3,700. **Il-Kunsillier Dominic propona li ghandhom issiru *floodlights* li ma itelfux lir-residenti tal-madwar biex b'hekk titnaqqas l-ispiża.**

**20.4 Tweġibiet u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**20.4.1** Il-Kunsillier Joseph Cachia saqsa lis-Sindku fuq il-parkeġġ tal-Blue badge fi Triq ix-Xemxija li hemm vettura li qed tagħmel użu min din il-Blue Badge personalizata li mhux tagħha. Is - **Sindku irrisponda li ser ikun qed jiċċekkja fuqa.**

**20.4.2** il-Kunsillier Anthony Meilak saqsa lis-Sindku rigward ix-xogħol li qed issir f' Xatt il-Mollijiet, qal li ix-xogħol irrid issir però il-mod ta' kif ġie pjanat it-traffiku qed tkun ta' problema b'riżultat li qed jinħoloq inkonvenjent ġewwa il-Marsa. **Is- Sindku stqarr li kien tkellem ma CEO ta' l-Enemalta u li kien għadda l-ilment tas-Sindku fuq din il-problema lil Transport Malta fuq is-sitwazzjoni, iżda sa issa ma irċieva l-ebda risposta min naħa ta' Transport Malta. Għaldaqstant is-Sindku talab li-Segretarju Eżekkutiv sabiex jibgħat email lil Transport Malta sabiex jiranġa id-devjazzjoni ta' Traffiku mill-aktar fis possibbli sabiex jitnaqqas dan l-inkonvinjent, għaliex il-Kunsill jekk ma titranġax is-sitwazzjoni ma ikollux triq oħra hlief iwaqqaf il-permess ta' xogħolijiet għat-Trenching.**

**20.4.3** Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa fuq ix-xoghol li sar mill-Public works ta Triq San Franċisk u Triq San Mikiel. **Is-sindku wieġeb li kien bagħt lil-Perit tal-Public works għar- raġuni għaliex l-ispiża ġiet għolja u b'hekk il-fondi intużaw kollha u li ix-xogħol ma kienx sar sew.** Il- Kunsillier Dominic Spencer qal li ix-xogħol fuq il-bankini kien sar ħażin li anqas jistaw jintużaw mill-pubbliku. **Għaldaqstant is-Sindku wieġeb li kien tkellem mal-perit tal-Kunsill sabiex issir *survey* fuq ix-xogħol li sar tal- bankini u toroq imsemmija.**

**20.4.4** Kunsillier Dominic Spencer qal li hemm bollard maqluwa quddiem Gomez u Formosa ġewwa Marsa road, u qal sabiex jintalbgħu footages mill-Pulizija. **Is-Sindku wieġeb li jaf bihom u ser ikun qed ikellem il-ħaddiem tal-manutenzzjoni sabiex jiranġhom**

**20.4.5** Kunsillier Anthony Meilaq saqsa jekk hemmx indikazzjoni ta' min għamel il-ħsara fuq ir-round-about ta' Triq tas-Salib tal-Marsa. **Is-Sindku wieġeb li ma hemmx inidikazzjoni.**

20.4.6 Kunsillier Dominic Spencer saqsa fuq il-Kanun li hemm fi Triq Qormi. **Is-Sindku wieġeb li il-Kanun kien intrefa fi Tram Station sakemm issirlu bażi ġdida u qal li qed niġbru l-istimi sabiex issir il-bażi.**

**20.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti.

**20.6.1 Kunsiderazzjioni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/2025 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**20.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondat il- Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti. Fuq bażi li qajjem il- Kunsillier Dominic Spencer li il-ħlasijiet dovuti għas-servizz tal-bowser għall- ħasil tat-toroq għandom jintbagħtu lil Cleansing Department għar-rimbors lura lil Kunsill.

**20.7 Item: Transport għal-studenti tal-Iskola Sajf**
Is-Sindku spjega peress li fil-laqgħa preċedenti dan l-tem kien inqabeż minħabba il-ħin, kien talab sabiex jinġabru stimi għas-servizz peress li kien hemm żmien qasir.

**20.7.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondat il- Kunsillier Gloria Aquilina u il-kunsillier Dominic Spencer il-kunsill approva unanimament.

**20.8** Item: Purcahse of Council Laptop: Quotations.
Is-Sindku spjega li fi żewġ laqgħat preċedenti tal-Kunsill kien approvat li jinxtara Laptop għall użu tal-Kunsill u li l-uffiċju kien ġabar l-istimi u li se jimxu bil-proċeduri tas-soltu fejn l-irħas stima tirbaħ. Għaldaqstant il-Kunsill tagħlab sabiex tinġabar stima oħra għax kien hemm żewġ stimi ta' l-istess kumpanija u għalhekk għanda terġa tinġabar stima oħra u tiġi preżentata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**20.8.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondat il- Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament.

**20.9 Item: Ġemelaġġ Messina**
Is-Sindku spjega li sar komunikat mal-Kunsill mill- Ambaxxatur għall Malta tal-Filandja u Estonia Dr. Kenneth Vella jekk il-Kunsill ghandux interess li jagħmel Ġemelaġġ ma Messina, is-Sindku stqarr li hi opportunita sabiħa u li ma tirekjediex spejjeż kbar, għaldaqstant talab il-Kunsillier Dominic Spencer jinfurmaħ xi jrid issir bħala proċess għal dan it-tip ta' Ġemelaġġ. Għaldaqstant il-Kunsillier issuġġerixxa sabiex issir pjan pass wara iehor fej issir friendship agreement biex issir studju bejn iż-żewġ irħula ta' x'jistaw jibenefikaw iż-żewġ irħula.

**20.9.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondat il- Kunsillier Dominic Spencer il-kunsill approva unanimament.

**20.10 Item: Iffirmar ta' MOU għall-Kmamar ta' l-Ex open Centre, Marsa**
Is-Sindku Luke Farruġia spjega li kien hemm aċċess għall-pitch u għall kamra li kienet qed tintuża qabel mill-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku qal li ser jiżdied l-aċċess ta' Tliet ikmamar oħra għall użu ta' Lokalita tal-Marsa u b'hekk irrid jiġi iffirmat MOU biex ikun hemm kollox f'komformita. **Il-Kunsillier Domiic Spencer tagħlab sabiex l-MOU ikun emendat sabiex jidħlu il-Kamra u il-pitch tal-football u kif ukoll tal-kamra u li qabel issir l-iffirmar ta' MOU l-istess kuntratt jagħddi għand l-Avukat tal-Kunsill sabiex ikun ivverifikat min naħa tiegħu u li issir emenda li il-Kunsill tal-Marsa ikollu aċċess liberu għall- Kmamar u il-pitch, dan għaliex waħda mill-kmamar se tintuża għall-Mużew tal-Presepji biex il-quddiem tkun attrazzjoni Turistika mill-Cruise Liners li jidħlu fil-Port permezz ta' Kuntatt ma l-aġenziji ta' l-ivjaġġar, u li il-quddiem l-area ser tintuża għall- Villaġġ tal-Milied fi żmien il-Milied.**

**20.11 Item: Tender – Christmas light decoration, Marsa.**
Is-Sindku spjega li il-Kunsill irrid jerġa joħroġ Tender għall- Christmas Lights, fejn jiġu imżejna l-istess Toroq bħall ma kien issir fi żmien preċedenti. **Il-Kunsillier Dominic Spencer qal li it-tender għandu joħroġ li id-dawl ikun b'disinn differenti mis-snin ta' qabel u li ikun hemm imniżżel kemm jiswa kull fustun użat jekk ikun hemm il-ħtieġa li tintrama Triq oħra ma dawk imsemmija u li jinkludi l-armar tal-Milied ġewwa il-Chritmas Village.**

**20.11.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia il-Kunsill qabel li jinħareġ it-Tender tal-Christams Lights.

**20.12 Item: 20th Anniverary Twinning Agreement**
Is-Sindku Luke Farruġia spjega li il-Kunsill Lokali ser ikun qed jiċċelebra l- 20 Anniversarju li iffirma Kuntratt ta' Twinning ma' Bridgewater, fejn bħala Kunsillier Dominic Spencer għandu esperjenza kbira meta kien sar dan l-iffirmar ta' Kuntratt bejn iż-żewġ partijiet. Għaldaqstant il-Kunsillier Dominic qal li meta mar vista ġewwa l-Ingilterra ġewwa Bridgewater kien hemm ix-xewqa li issir re-union ta' Twinning Agreement bejn iż-żewġ irħula għall dan l-Anniversarju u għalhekk propona li titela attività fi żmien il-Karnival għax ir-rabta tal- Marsa u Bridgewater huwa il-Karnival, għalhekk tinbagħt stedina għall- attività tal-Kunsill fi żmien il-Karnival biex jitfakkar l-20 sena Anniversarju. Is-Sur Dominic Spencer spjega ukoll li Bridgewater għandom Kor Nazzjonali u li f'Malta issir l- International Choir Festival li jieħu ħsiebu Noel Castillo, fejn il-kunsillier Dominic Spencer spjega li ġabar informazzjoni rigward il-possibilta li fi sena 2026 nistiednu il-kor ta' Bridgewater bħala parti mill-kommerazzjoni ta' l-20 sena Anniversarju fejn bħala spiża tiġi bejn wieħed u ieħor €250 kull persuna għall tliet ijiem li teskludi il-flights. Il-Kunsillier propona li jiġu mistiedna pajjiżi membri oħra li qedin fi twinning agreement ma' Bridgewater u li huma fl- Ewropa sabiex il-Kunsill ikun jista japplika għall-fondi Ewropej.

**20.12.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Dominic Spencer il-Kunsill qabel sekondat il- Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament.

**20.13 Item: Attivita Milied 2025**
Il- Kunsillier Dominic Spencer spjega li il-Fondi tal-Milied ġew approvati sabiex issir il-mużew u l-attivita, għaldaqstant il-kunsillier Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill jagħti il-budget ta' nefqa għall- Attivitajiet tal-Milied 2025 biex ikun jista jibda jaħdem fuq il-programm tal-Milied kif kien issir fi żmien preċedenti. Il-Kunsillier Dominic Spencer propona li fi Triq ix-Xemxija jista issir programm żgħir. Għaldaqstant il-Kunsillier Gloria Aquilina pproponiet li il-Kunsillier Dominic Spencer ikollu koppja taċ-ċavetta waqt iż-żmien ta' l-Attivitajiet. Il-Kunsillier Dominic Spencer propona li il-presepju li jintrama fil-binja tal-Kunsill għandu jintrama ġewwa il-Mużew tal-presepji fejn se jintrama il-villaġġ tal-Milied

**20.13.1**Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Dominic Spencer il-Kunsill qabel u sekondat il- Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament

**20.14 Item: Attivita Karnival 2026**

Il- Kunsillier Dominic Spencer qal li jekk il-Kunsill jaqbel u li hemm applikazzjoni ta skema tal-Karnival sabiex jitfassal il-programm ta' l-Attivita tal-Karnival, kif kien issir fi żmien preċedenti.

**20.14.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Dominic Spencer il-Kunsill qabel u sekondat il- Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament

**20.15 Item: Attivita BBQ/Majjalata Kunsill Lokali Awwissu 2025**

Is-sindku spjega li jixtieq li issir attività forma ta' Majjalata imtellgħa mill-Kunsill Lokali, fejn qali li se jinġabru l-istimi tal-ikel u li bħala data qed jipproponi it-23 ta'Awwissu 2025 ġewwa ġnien Belvedre, fejn jiġu involuti l-għaqdiet. Il-Kunsillier Dominic Spencer issuġġerixxa sabiex jitfassal il-programm u jinħareġ il-prezz ta' l-attivita u l-għaqdiet jieħdu ħsieb li ibiegħu il-biljetti fejn jinagħataw qliegħ fuq il-biljetti, il-bar jinħareġ b'offerta.

**20.15.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia il-Kunsill qabel u il-kunsill approva unanimament

**20.16 Item: BCRS Marsa Hub re-location to Parking space at Triq is-Salib, Marsa**

Is-Sindku spjega li Transport Malta għall xi raġuni ma laqghatx it-talba, fejn is-sindku tagħlab ir-raġuni għaliex il-proposta ma ġietx aċċetata. Il-Kunsillier Dominic Spencer propona sabiex tintbgħat ittra legali biex issir ir-relocation tal-magna.

**20.17 Item: Stimi round about Triq is-Salib tal-Marsa**

Is-Sindku spjega li ġabar stimi sabiex tissewwa ir-round about ta' Triq is-Salib, fejn l-ammont ta' l-ispiza jaqbeż l-ammont ta' Direct order u għalhekk hemm bżonn approvazzjoni tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob li ir-round about għanda titneħħa għax m'hemmx użu għaliha u titpinġa waħda fl-art.

**20.17.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia il-Kunsill qabel u -sekondat il- Kunsillier Domin Spencer il-kunsill approva unanimament.

**20.18 Mozzjonijiet**

Ma Kienx hemm

**20.19 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal Erbgħa 06 ta' Awwissu 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*